MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2008

Rikors Numru. 9/1997/1

**Kummissarju tal-Artijiet**

**vs**

**Maria Carmela Micallef f'isimha proprio bhala sid kif ukoll bhala uzufrutwarja tas-sehem ta' zewggha kif ukoll bhala prokuratrici ta' Raphael, Geroge, Joseph u Alfred ahwa Cini, u Maria Dolores Micallef, Maria Rita Vella, Francis. Micallef, Joseph. Micallef**

Il-Bord

Ra r-rikors tar-rikorrenti fejn qed jesponi bir-rispett:

"Illi b'ittra ufficjali tal-25 ta' Frar 1997, l-intimati gew notifikati b'kopja ta' Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta, fejn fost affarijiet ohra gie dikjarat li d-dar fil-Belt Valletta Nru. 166, triq San Nikola hija mehtiega ghall-skopijiet pubblici u l-akkwist taghha ghandu jsir b'titolu ta' dominju pubbliku.

Illi l-intimati gew ukoll notifikati b'Avviz ta' Ftehim fejn gew infurmati li l-kumpens li l-awtorita kompetenti hija lesta biex thallas b'titolu ta' dominju pubbliku tal-post hawn fuq imsemmi huwa ta' tlieta u tletin liri Maltin u sittin centezmu fis-sena (Lm33.60) kif jidher fir-rapport tal-Perit Oscar Caruana Montaldo A&CE tas-17 ta' Lulju 1992 li kopja tieghu hija annessa mal-istess Avviz ta' Ftehim (Dok A).

Illi b'ittra ufficjali tat-18 ta' Marzu 1997 l-intimati fost affarijiet ohra jiddikjaraw li ma jaccettawx l-kumpens offert u li ghandu jkun ta' erba' mija u tletin lira Maltin (Lm430) fis-sena.

Ghaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jordna lill-intimati jitraferixxu favur ir-rikorrenti b'titola ta' Dominju Pubbliku il-post fil-Belt hawn fuq imsemmi, jiffissa kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala n-Nutar tad-Dipartiment tal-Art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippublika l-att relattiv f'dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-atti u jaghti l-provedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghall-Skopijiet Pubblici (Kap 88)

Ra r-risposta tal-intimati li tghid:

Preliminarjament, illi r-rikorrent ghandu jikkorregi r-rikors biex iddahhal l-ismijiet tal-intimati.

Fil-meritu, filwaqt illi l-intimati jirriservaw kull dritt taghhom taht il-Ligijiet u l-Kostituzzjoni ta' Malta, jissottomettu li l-kumpens li ghandhom jinghataw ghall-Akkwist tal-fond nru 166, Triq San Nikola b'titolu ta' dominju pubbliku ghandu jkun reali u fattwali mal-valur tal-proprjeta' fid-data tal-akkwist.

Semgha x-xhieda bil-gurament;

Semgha lid-difensuri tal-parijiet;

Ikkunsidra:

Dwar l-punt preliminari sollevat mill-intimati fin-nota risponsiva taghhom, il-Bord kien awtorizza it-tibdil mehtieg fl-okkju u dan fis-17 ta' Settembru 1997 u ghalhekk jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dan il-fatt;

Illi dwar il-mertu, l-aspettativa tal-intimati qua valur ta' cens fuq il-fond de quo huwa ta' erba mija u tletin liri maltin (Lm430) fis sena, llum  Euro 1001.63.  Il-Perit arkitett inkarigat mill-istess intimati ddikjara li l-valur tal-fond huwa ta' Lm1500 u cioe' Euro 3494.06.

Illi l-membri teknici tal-Bord l-Perit AIC Frederick H. Valentino u  l-Perit AIC Joseph Mizzi wara li hadu konjizzjoni tal-fatti kollha tal-kaz waslu ghas-segwenti konkluzzjonijiet skond id-decide taghhom li hija annessa ma' din is-sentenza:

"Wara li hadna in konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha relatati ma' dan il-kaz, fosthom l-akkomodazzjoni iterna w il-konsistenza reali fisika ta' l-istess fond li kien gie demolit; minn kalkoli li ghamilna a bazi ta' l-Ordinanza Dwar l-Akkwist ta' Proprjeta' ghall-Skopijiet Pubblici (Kap 88) jidhrilna illi l-valur gust tal-fond 166, Triq San Nikola, il-Belt, Valletta (illum demolit) mehud ghal skop pubbliku (Slum Clearance Scheme) b'titolu ta' Deominju Pubbliku ghandu jkun ta' tmienja u erbghin Liri Maltin fis sena (48.00 per annum) ekwivalenti ghal Euros 111.81c per annum".

Illi ai termini tal-artikolu 25(5) tal-Kap 88, la darba l-membri teknici tal-Bord ikunu waslu ghal valutazzjoni unanima c-Chairman ghandu jakkolji dik il-valutazzjoni u jiddetermina l-kawza fuq dak il-valur;

Ghal dawn il-mottivi, il-Bord jilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti u jordna lill-intimati jitrasferixxu b’titolu ta’ dominju pubbliku d-dar fil-Belt Valletta Nru. 166, triq San Nikola bil-kumpens ta’ Euro 111.81c (mija u hdax-il euro u wiehed u tmenin centezmu) fis sena. Jahtar lin-Nutar Dr. Vincenti Miceli bhala Nutar tar-rinti jew in-nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att fit-3 ta’ Dicembru, 2008 fit-3.30pm fl-ufficcju tar-rikorrent u jahtar lill-avukat Dr. Richard Sladden biex jidher fuq l-att ghall-eventwali kontumaci li ghandu jkun mgharraf bil-hatra tieghu bil-miktub mir-rikorrenti. L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------